# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Joseph Refalo LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar, 2000 .**

**Avviz numru : 11/99GT (JR)**

**Mariano u Carmela konjugi Pace u Peter Pace .**

**VS**

**Anthony Theuma .**

**It-Tribunal ;**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Marzu, 1999, fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (LM155.00), u fejn intqal:

Illi fis-7 ta' Dicembru, 1998 ghal habta tas-7.15p.m., l-attur, Peter Pace waqt li kien qieghed isuq vettura tat-tip "Renault", (numru ta' registrazzjoni GAH-286) proprjeta' tal-atturi l-ohra Mariano u Carmela konjugi Pace, safa involut f'habta ma' vettura tat-tip "Isuzu" (numru ta' registrazzjoni CBD-779) misjuqa mill-konvenut, Anthony Theuma, liema kollizjoni grat unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-istess konvenut li minghajr ma zamm "a proper look-out" tal-vetturi li kienu quddiemu fl-istess karreggjata u bi *speed* eccessiv baqa' diehel fuq il-gemb tal-lemin tal-vettura GAH-286, "Renault", misjuqa mill-attur Peter Pace li kien qieghed jikser ghan-naha tal-lemin tieghu, wara li xeghel l-indicator. Ghaldaqstant l-istess konvenut, Anthony Theuma ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghal dan l-incident kif ukoll ikkundannat li jhallas lill-atturi l-ammont ta' hsarat involuti li huma fis-somma ta' mija u tnejn u hamsin lira Maltija (LM152.00), skond l-ircevuta markata Dokument "A", kif ukoll is-somma ta' tlett liri (LM3.00) tal-iskizz, skond l-ircevuta markata Dokument "B" . Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta' Dicembru, 1998, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-Ligi .

Ra r-risposta u kontrotalba relattiva prezentata mill-konvenut fit-12 ta' Marzu, 1999 .

Fir-risposta l-konvenut qal illi filwaqt li jaqbel ma dak li ntqal mill-attur dwar il-hin u lok li fih sar l-incident stradali, kif ukoll dwar il-vetturi li kienu nvoluti fl-incident stradali, eccepixxa illi kuntrarjament ghal li gie allegat mill-attur, l-incident stradali gie kkagunat unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u waqt li kien qieghed jaghmel manuvra biex jikser ghal go triq sekondarja, naqas illi jinnotifika permezz tal-indicator lill-vetturi li kienu gejjin warajh bl-intenzjoni tieghu, kif ukoll illi l-attur naqas li jzomm "a proper look-out" biex jara kienx possibbli li ssir tali manuvra, liema "proper look-out" kienet aktar oneruza meta tikkunsidra li l-attur ried jaqsam fuq il-karreggjata l-ohra biex jghaddi ghat-triq sekondarja u ghalhekk tellef il-'free flow" tat-traffiku .

Fil-kontrotalba l-konvenut talab l-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltija (LM250.00), u qal li ghar-ragunijiet elenkati fir-risposta, Peter Pace hu responsabbli ghall-incident u ghandu jkun tenut ihallas id-danni .

Ra r-risposta ghall-kontrotalba prezentata mill-atturi fit-18 ta' Marzu, 1999, fejn intqal:

i. illi t-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba tieghu ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet gja indikati fl-att promotorju u cioe' fit-talba inizjali tal-atturi fl-ismijiet: "Mariano Pace et -vs- Anthony Theuma" (11/99GT JR) u senjatament minhabba l-fatt illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija tal-konvenut, Anthony Theuma li ma zammx "a proper look-out", ma zammx distanza ragonevoli mill-vetturi li kienu quddiemu, u inoltre dan kien qieghed isuq bi "speed" eccessiv u mhux moderat ghal post fl-abitat . B'hekk huwa kien mghobbi bil-piz ta' "self-inflicted incapacity";

ii. illi inoltre dana u minghajr l-ebda pregudizzju ghal premess, l-ammont mitlub fil-kontro-talba huwa esagerat.

Semgha x-xhieda ta' Peter Pace, is-surgent tal-Pulizija PS 1346 Anthony Schembri, Mariano Pace, u Anthony Theuma . Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz .

Ikkunsidra :

1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fis-7 ta' Dicembru, 1998 ghal habta tas-7.15p.m., bejn il-vettura "Renault", numru ta' registrazzjoni GAH-286, misjuqa mill-attur Peter Pace, u l-vettura

"Isuzu" numru ta' registrazzjoni CBD-779 misjuqa mill-konvenut Anthony Theuma .

2. Il-kollizjoni grat fi Triq Dr. Anton Tabone, Victoria, f'dik il-parti faccata t-Triq Sebgha ta' Gunju, 1919, u hdejn il-fetha li hemm fis-"central strip" fi triq Dr. Anton Tabone . Jirrizulta li fit-Triq in kwistjoni fiz-zmien tal-incident ma kienx hemm linja li tiddividi l-karreggjati li fiha kienu mexjin il-vetturi .

3. Jirrizulta li l-vettura GAH-286 ma kenitx miexja mal-genb tas-centre strip, u kienet qed tipprecedi l-vettura DBD-779. Iz-zewg vetturi kienu mexjin fid-direzzjoni ta' Victoria . Jekk wiehed jikkunsidra l-fatt li l-vettura GAH-286 naqqset sabiex tikser ghal gol-fetha fis-"centre strip", u tenut kont tal-"Brake marks" imhollija mill-vettura DBD-779, jigi li kien hemm certu distanza bejn iz-zewg vetturi, u definittivament il-vettura ta' wara setghet tara l-vettura GAH-286. Mill-"brake marks" kif indikati fl-isketch wiehed jista' jikkonkludi li definittivament id-distanza ta' bejn iz-zewg vetturi kienet ta' cirka disa' metri, meta l-konvenut intebah bil-manuvra li kien qed jeffettwa l-attur .

4. It-Tribunal ma setghax jistabilixxi b'certezza jekk Pace fil-fatt kellux l-"indicator" mixghul fil-mument li kien qed jaghmel il-manuvra biex jikser lejn il-lemin . Hu cert pero' li l-vizwali kienet tajba u li t-triq kienet niexfa, u li meta l-konvenut intebah bil-vettura tal-attur u bil-manuvra li kien qed jaghmel dana inhasad u zamm "brake" kif intqal, pero' jidher li l-velocita` tal-konvenut kienet tali li ma ppermettitlux jieqaf fil-hin, u b'hekk grat il-kollizjoni . Ghandu jigi rilevat illi fit-triq imsemmija qabel ma tasal ghall-inkrocju fuq imsemmi, hemm "slow signs" .

5. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna, meta wiehed ser jaltera drastikament id-direzzjoni tieghu, huwa ghandu (1) jinserixxi ruhu bl-opportuna kawtela f'dik il-parti tat-triq li minnha kien l-aktar agevoli l-qsim tas-"centre strip"; (2) ikompli jaghmel is-senjalazzjoni mehtiega wara li jkun assuma fit-triq dina l-pozizzjoni konfacenti mal-manuvra minnu intiza, b'mod li s-senjalazzjoni tieghu ma tirrizultax ambigwa; u (3) jesegwixxi l-manuvra wara li jkun accerta ruhu li mhux ser jikkrea ostakolu ghat-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu .

Jirrizulta li fil-fatt l-attur Peter Pace uza d-debita diligenza fil-manuvra li kien qed jaghmel, u kienet l-velocita` tal-konvenut il-kawza prossima tal-incident . Il-konvenut ma jidhirx li kien naqqas fil-velocita' ghalkemm kien hemm sinjali jindikawlu biex jaghmel hekk .

6. Bhala danni l-attur sofra mija hamsa u hamsin lira Maltija (LM155.00) danni, in kwantu ghal mija tnejn u hamsin lira Maltija (LM152.00) ghall-

"panel beating" u "spray" skond id-Dok. A esebit, u tlett liri (LM3) ghar-"road accident report" .

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad il-kontrotalba tal-konvenut, isib lill-istess unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mija hamsa u hamsin lira Maltija (LM155.00) bl-imghax dekoribbli mil-lum .

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta' Dicembru, 1998, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi .

(ft) Joseph Refalo
Gudikatur
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S1199Gt-Jr
(1150 words)